*Kitba ta'*
**Fr. Michael Attard OFM Conv.**

# Il-Kult tal-Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk

Il-kult u d-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Kunvent tal-Franġiskani Konventwali fil-gżira ta' Għawdex huma antiki ħafna. Nistgħu ngħidu li dan il-kult beda mit-twaqqif tal-kunvent fl-1492. Dan għaliex l-ewwel patrijiet li ġew Għawdex kienu minn Sqallija – mill-belt ta' Agrigento. Ilkoll nafu li l-kult u d-devozzjoni lejn l-Immakulata ġewwa Sqallija huma qawwija ħafna u għalhekk m'hemmx dubju li l-ewwel patrijiet ġiebu magħhom din id-devozzjoni fil-gżira ta' Għawdex.

Sa mis-sena 1652, il-Franġiskani Konventwali ta' Għawdex qalgħu l-permess li jorganizzaw żewġ festi f'gieħ il-Madonna. Waħda kienet issir fit-8 ta' Diċembru u oħra f'Mejju, f'ġieħ il-Madonna tal-Ġilju. Fil-viżta pastorali li saret fil-knisja ta' San Franġisk, fis-7 ta' Mejju 1698, insibu mniżżel li fit-8 ta' Diċembru ta' kull sena kienet issir purċissjoni bl-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Imma fis-sena 1848 saret statwa ġdida ta' l-Immakulata mill-iskultur Salvu Psaila li naqqax statwa ta' l-injam: dik l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li ilha fostna għal dawn l-aħħar mija u ħamsin sena. Dan sar bit-tħabrik tal-Fratellanza ta' l-Immakulata.

F'rapport magħmul fil-viżta pastorali mill-Isqof David Cocco Palmieri, fl-24 ta' April 1687, li kien żar il-knisja ta' San Franġisk ir-Rabat, Għawdex ġie mfisser f'detall dak kollu li kien



*L-Immakulata Kunċizzjoni armata fil-kunvent tal-Franġiskani Għawdex.*



*L-istatwa tal-Kunċizzjoni, opra fl-injam tal-Bormliż Salvu Psaila.*

isir mill-fratellanza u dak kollu li kienet torganizza għall-festa liturġika ta' l-Immakulata kull 8 ta' Diċembru.

Sa ftit snin ilu, quddiem l-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kien jitqiegħed artal biex fuqu jitqaddes il-quddies. Dan il-privileġġ kien mogħti mill-Papa Klement XIV. Dan id-digriet sar fis-sena 1773 u ritratt ta' dan il-Papa qiegħed fis-sagristija ta' San Franġisk.

Fil-knisja ta' San Franġisk, Għawdex, barra l-artal maġġur insibu seba' artali oħra. L-ewwel wieħed ħdejn il-presbiterju, in-naħa ta' l-ambone huwa l-artal tal-Kunċizzjoni. Dan l-artal, bħall-artali l-oħra li kien hemm f'din il-knisja, kien imżejjen bi skultura fil-ġebel: skultura ta' stil Barokk. Dawn il-prospettivi artistiċi tneħħew fis-snin 1910-1911 biex l-artali daħħluhom madwar żewġ piedi 'l ġewwa biex jirbħu ftit wisgħa. Xi biċċiet ta' dawn il-prospettivi jinsabu fil-kuridur tal-kunvent. Ix-xogħol li sar fuq dan l-artal tħallas minn Anġlu u Marija Grima kif insibu miktub ma' ġenb il-kwadru.

Jinsab fil-Mużew tal-Kunvent ta' San Franġisk. Iġib id-data 1646. Mal-ġnub ta' dan l-inkwadru nsibu mpitter is-simboli mil-litanija Lawretana.

Il-kult lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-knisja ta' San Franġisk matul is-sekli ma naqas qatt. Minn żmien għal żmien, dejjem kien hemm patrijiet kif ukoll lajċi li ħabbew bla heda lill-Immakulata Kunċizzjoni u ħadmu kemm felħu għall-festa tagħha. Il-festi lill-Immakulata fil-knisja ta' San Franġisk isiru bl-akbar solennità. Il-poplu tar-Rabat jinġabar f'din il-knisja għan-novena, tridu u jum il-festa fit-8 ta' Diċembru. F'dawn il-jiem ta' festa, in-nies ma taqta' qatt minn din il-knisja; kulħadd jiġi jqim lill-Madonna u fl-istess ħin jitpaxxa bl-istatwa kapolavur tal-Bormliż Salvu Psaila. Din l-istatwa, tant meqjuma saret fl-1848.

Matul dawn il-150 sena li ilha fostna din l-istatwa, is-sbuħija ta' din l-istatwa baqgħet dejjem ammirata u baqgħet sabiħa kif ħarġet minn idejn l-iskultur: skultur li f'Malta tana statwi mill-isbaħ bħal Santa Liena (Birkirkara), il-Madonna tal-Karmnu (Żurrieq) u oħrajn.

Id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni fil-gżira ta' Għawdex hi mxerrda fil-parroċċi kollha għaliex fl-14-il parroċċa ssib xi kwadru tal-Kunċizzjoni u dan żgur hu mertu tal-Franġiskani Konventwali li sa mill-wasla tagħhom f'Għawdex fl-1492 ma naqsu qatt ixerrdu devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni.